

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2023 – Spreewood Distillers vs EUIPO – Radgonske gorice (STORK)**(Kawża T-433/22) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea STORK – Trade mark verbali preċedenti GOLDEN STORK – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2023/C 271/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Spreewood Distillers GmbH (Schlepszig, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker u D. Mienert, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Lamsters u T. Frydendahl, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Radgonske gorice d.o.o. (Gornja Radgona, is-Slovenja)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-10 ta’ Mejju 2022 (Każ R 1782/2021-5).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 326, 29.8.2022.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta’ Marzu 2023 – Institut Jožef Stefan vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-134/23)

(2023/C 271/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Institut Jožef Stefan (Ljubljana, is-Slovenja) (rappreżentant: A. Bochon, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni tat-3 ta’ Jannar 2023 adottata mill-Kumitat ta’ Reviżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad il-proposta tar-rikorrent bir-referenza EDF-2021-MCBRN-R-CBRNDIM-101075036-PANDORA, ippreżentata fil-kuntest tas-sejħa għal proposti EDF-2021-MCBRN-R taħt il-programm tal-Fond Ewropew għad-Difiża, għar-raġuni li l-Kummissjoni Ewropea wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni, kisret l-obbligu ta’ motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE, kisret il-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba u kisret id-dritt għal smiġh;